MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2014

Numru. 662/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Gabriela Stroescu**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet migjuba fil-konfront ta` Gabriela Stroescu li giet mixlija talli nhar it-12 ta’ Lulju 2014 f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnha anke jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda :

1. Nhar il-12 ta’ Lulju f’xi hin bejn 18:15 u 18:40 gewwa High Street, Sliema, Malta ikkommettiet serq ta’ flus ta’ ammont li kumplessivament jeccedi l-valur ta’ elfejn tliet mija disgha u ghoxrin euro sebgha u tletin centezmu (€2329.37) liema serq huwa

aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Maria Ilyushkina ta' nazzjonalita Russa u dan bi ksur tal-art. 261(c) u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli nhar it-12 ta' Lulju 2014 ghal habta ta 18:00 gewa Triq ix-Xatt, Sliema, Malta ikkemmettiet serq semplici ta' diversi oggetti ta' valur li jeccedi l-€23.39 izda anqas minn 232.94 u dan bi ksur tal-Art. 284, 285 u 286 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess zmien laqat ghandha jew xtrat hwejjeg misruq, mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, u / jew xjentement b'kull mod indahlet sabiex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur ta' Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul il-kors tal-ezami taghha skont l-Artikolu 392 u 370(4) tal-Kodici Kriminali l-imputata wiegbet li ma ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u wiegbet li mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u l-Qorti hadet nota ta' dan bil-miktub;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 16 li permezz tieghu iddikjara li kien qieghed jaghti l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-fedina penali tal-imputata;

Rat li matul is-seduta tad-19 ta' Lulju 2014, l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha, wara diskussjonijiet li saru mal-ufficjal prosekutur, kienet qeghda tirregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u wara li taghta ftit taz-zmien sabiex anke tikkonsulta mal-Avukat taghha u tiddeciedi jekk hix sejra terga lura minnha, l-imputata wiegbet li hija inkondizzjonatament hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha;

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Illi l-Ufficjal Prosekutur spjega li l-imputata kkoperat mal-Pulizija u wkoll stqarr illi f'dan il-kaz il-piena idoneja tista' tkun dik ta' sentenza sospiza fil-massimu taghha u ghal ordni ghal hlas lura tar-refurtiva. Hu stqarr li l-ammont ta' refutiva kien ta' €3,100 nonche' wallet li kellu valur minimu.

Illi l-Avukat Difensur tenna illi f'dan il-kaz l-assistita tieghu kkoperat bi shih mal-Pulizija u kif ukoll illi rregistrat ammissjoni mal-ewwel opportunita' li kellha u ghalhekk il-Qorti kellha tiehu din l-ammissjoni in konsiderazzjoni meta tigi biex teroga l-piena taghha, inoltre tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-piena ideneja f'dan il-kaz ma ghandhiex tkun dik ta' prigunerija effettiva izda se mai ghandha tkun dik ta' sentenza ta' prigunerija sospiza kif sottomess ukoll mill-Ufficjal Prosekutur.

Illi l-Qorti rat l-istqarrija tal-imputata ezebita a fol. 8 fejn l-imputata spjegat dak illi sehh wara li kienet inghatat id-drittijiet kollha mill-Ufficjal Prosekutur;

Peress li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tqis li dawn huma sodisfacentement pruvati. Ghalhekk, meta qieset kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-Qorti ma tistax hlief tiddikjaraha hatja f'dan il-kaz.

## Ghaldaqstant

wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 261(c), 267, 279(b), 284, 285, 286 u 334(a) tal-Kodici Kriminali qieghda ssib lil Gabriela Stroescu, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata taghha stess, filwaqt li hadet konjizzjonijiet tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li t-tielet imputazzjoni giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni u ghalhekk qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, qeghda ssibha hatja tal-imputazzjonijiet numri wiehed u tnejn migjuba kontra taghha u wara li rat l-Artikolu 17(h), 28A u 28B tal-Kodici Kriminali qieghda tikkundanna lill-imputata Gabriela Stroescu ghal piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-sentenza in kwantu ghal piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda' sehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' snin mill-lum l-imputata tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali l-Qorti qieghda tobbliga lil hatja Gabriela Stroescu li thallas lil Maria Ilyushkina l-ammont kollha derubat fl-ammont ta' €3,100, rapprezentanti r-refurtiva f'dan il-kaz.

Finalment il-Qorti qieghda taghti lill-imputata l-ispjegazzjonijiet preskritti fl-Artikolu 28A(4) u 28H)(7) tal-Kodici Kriminali.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------